MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 1506/2010

**Eur Ing. Emanuel Farrugia**

**Vs**

**Amadeo Preca u Concetta Preca nee Mallia**
**I.D. 661038M u I.D. 695641(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2010 fejn l-attur talab illi l-intimati jhallsu s-somma tà elf hames mija u erbgha u hamsin Ewro u disghin centezmu (€ 1,554.90) rappresentanti danni kkagonati lill-mittenti bil-perkolazzjoni tà ilma mill-fond tal-intimat ghal fond tal-mittenti ghal liema l-mittenti huma responsabbli. Id-danni mitluba jinkludu mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€ 186.35) bhala hsara fil-hitan, elf u hames u tletin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€ 1,035.95) rapprezentanti hsara lis-

sufan minhabba l-ilma li kkawza danni estensivi, u l-bilanc rapprezentanti tiswijiet ohrajn kif ukoll spejjez tà l-arkitett. Illi minkejja diversi ittri mibghuta f'dan is-sens u minkejja li l-intimat accetta r-responsabilta ghall-hsarat, ma sar ebda hlas u ghalhekk kellha ssir din il-procedura.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tà atti gudizzjarji relatati kif ser jintwerew matul is-smiegh tal-kawza.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fil-15 ta' Ottubru, 2010 fejn l-konvenuti fl-ewwel lok jghidu illi mhux responsabbli. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess u in linja sussidjarja l-ammont mitlub huwa esagerat u li f'kull kaz id-danni mitluba mhux necessarjament huma imputabbli ghal konvenuti. Fit-tielet lok gie ecepit ulterjorment li l-attur naqas milli jiehu il-prekawzjoni xierqa biex jimminimizza d-danni u konsegwentement il-konvenuti jekk jinstabu responsabbli m'ghandhomx ibaghtu ghan-nuqqas tà l-istess attur. Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ezamina x-xhieda li ngiebet.

Ra l-affidavit tal-attur l-Inginier Emanuel Farrugia fejn spjega illi fit-2 tà Mejju, 2010 dahal fil-flat u sab l-art mgharqa fl-ilma. Qal ukoll illi wara li nforma lill-intimat dwar l-ilma, ghalaq il-main tal-ilma u l-ilma waqaf niezel, b'hekk gie stabbilit illi l-leakage kien gej minghand il-konvenut. Il-konvenut kien hawn li nforma lill-attur illi ma setax jaghlaq il-main tal-ilma mmedjatament u dan peress illi kellu xi familjari mistednin ghal ikel. Ghalhekk l-ilma baqa miftuh sat-tmienja tà filghaxija. Fix-xhieda tieghu l-attur qal ukoll illi l-plumber kien gie l-ghada u sewwa x-xoghol.
Gie pprezentat ukoll rapport tal-perit Valentino li pprezenta lista tad-danni li garrab l-attur kif ukoll semma li l-'concrete slab' hemm bzonn li tibqa tigi mmoniterjata ghal xi hsarat futuri. Dan ir-rapport gie kkonfermat bil-gurament fix-xhieda tal-perit tat-18 tà Frar, 2011.

Gie pprezentat ukoll Dok AF2 li juri stima tal-hsarat u li tinkludi wkoll il-hlas tal-perit.

L-attur ipprezenta diversi korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet sabiex tissolva l-problema tal-plastering kif ukoll is-sufan li gie suggerit illi jsirlu dry cleaning. Ghal din il-proposta l-attur kien lest biss jaccettah jekk ir-rizultat tad-dry cleaning igib id-drapp tas-sufan fl-istat originali tieghu. Dan jinghad f'Dok AF 4 a fol 19 (dsatax).

Fir-rigward tal-plastering il-konvenut offra l-ammont tà sebghin Ewro (€70) jew jaghmel ix-xoghol huwa stess billi jgib plasterer tal-ghazla tieghu. Ghal din il-korrispondenza l-attur ma accetta xejn u nforma lil konvenut illi kien ser jircievi minghand l-avukat tieghu a fol 16 (sittax).

Fit-18 tà Frar, 2011, xehdet Yvonne Azzopardi li kienet marret fid-dar tal-attur u sabitu jixxotta l-ilma. Kienet rat ukoll l-ilma jqattar mis-saqaf. Xehdet illi l-ilma waqaf meta l-konvenut ghalaq l-ilma tieghu minn fuq, izda dan kien rega fethu peress illi kellu xi nies gejjin ghal ikel. Minhabba f'hekk l-attur kellu jibqa hemm jixxotta l-ilma sakemm il-konvenut ghalaq l-ilma.

Xehed ukoll Frank Saliba li qal li kien mar jara l-hsarat u kien sewwa l-hsara dak in-nhar stess li mar jara. Spjega illi kien qala maduma minghand il-konvenut, sab il-pipe tal-acorn li kellu elbow mghawweg. Dan il-pipe kien fis-supply tal-flushing.

Fil-15 tà April, 2011 gie pprezentat affidavit tal-konvenut fejn qal illi war li gie kkuntatjat mill-attur dwar xi ilma li kien niezel ghandu kien mar u sab mara tixxotta l-ilma. Jghid illi 'l-volum tal-ilma li kien niezel kien ftit tant illi l-mara kienet qed tlahhaq ma l-ammont tà ilma li kien icarcar, ghax kieku ma kienx hekk l-ilma kien jinfirex mal-flat kollu u mal-indana tal-komun…… u mhux jikkoncentra ruhu f'din il-parti tà l-ewwel kamra. Il-konvenut jikkonferma illi malli ghalaq il-main tal-ilma tieghu l-illma waqaf ghand l-attur u kien ghalhekk illi cempel il-plumber tieghu u solva s-sitwazzjoni l-ghada stess.

Il-konvenut imbaghad kompla jispjega kif ma setax jaqbel ma l-ammont esagerat mitlub mill-attur. Il-konvenut

ipprezenti diversi dokumenti li juru korrispondenza min-naha tieghu sabiex isolvi s-sitwazzjoni tal-hsarat fil-flat tal-attur. Kien issuggerixxa li jgib plasterer sabiex ibajjad izda l-attur irrifjuta li jdahhal nies fil-flat tieghu.

Fit-13 tà Jannar, 2012 xehed Emanuel Azzopardi li huwa dry cleaner professjonali u xehed li kien ra s-sufan u fil-fehma tieghu it-tbajja minn fuq dan is-sufan setghu jitnehhew. Huwa qal ukoll illi peress illi dawn it-tbajja thallew hafna allura jiehdu izjed zmien u cioe madwar gimgha biex jitnehhew. Xehed ukoll illi l-ispiza kienet ser tiswa madwar hamsa u tlettin Ewro (€ 35). Dan kollu jekk is-sufan ma ntmissx minn xi kimika ohra.

Fil-31 tà Jannar, 2012 gie pprezentat dokument li fih tnaqqsu l-ispejjez tas-salott peress illi din il-problema kienet giet rizolta u accettata mill-attur. B’hekk skond Dok AF2 ipprezentat fil-31 tà Jannar 2012 a fol 68 (tmienja u sittin) tal-process l-ammont mitlub gie ridott ghal hames mija u tmintax-il Ewro u hamsa u disghin centezmu (€ 518.95).

Fil-15 tà Frar 2012 hmistax biss wara li gie ridott l-ammont mitlub mill-attur, l-attur permezz tal-avukat tieghu talab zmien sabiex jirregola ruhu ghax skond hu setghu inqalghu xi difetti ohra. Filfatt huwa pprezenta rapport iehor bi spiza tà elfejn mija u disgha u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€2,129.90) li tirrifletti bdil tà pavimentar peress illi hargu xi tbajja fil-pavimentar u pprezenta wkoll rapporti ulterjuri tal-perit. Huwa talab illi jtella l-perit jixhed izda t-Tribunal cahad it-talba.

It-Tribunal jinnota illi mill-provi migjuba jirrizulta li l-ilma li nizel minghand il-konvenut ikkaguna xi hsarat ghand l-attur. Mill-lista originali tà hsarat l-ispiza tinkludi plastering, is-sufan, xambrella, qiegh tà kolonna tal-gebel u hlas tal-perit. Minn din il-lista tnaqqas l.ammont tas-sufan u cioe l-ammont tà  elf u hamsa u tletin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€1,035.95) biex b’hekk fadal l-ammont tà hames mija u tmintax-il Ewro u hamsa u disghin centezmu (€ 518.95). It-Tribunal ma jaqbilx illi l-qiegh tal-kolonna tal-gebel ghandu jinbidel u dan peress illi din facilment

titnixxef minghajr ma thalli dannu jidher. Ghalhekk minn dan l-ammont inaqqas l-ammont tà sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€ 27.95) biex b'hekk fadal l-ammont tà erbgha mija u wiehed u disghin Ewro (€ 491).

Fir-rigward l-istima pprezentata wara li nghalqu l-provi kollha t-Tribunal ma jistax jaqbel illi sabiex bdew jidhru xi tbajja fil-pavimentar kellhom jghaddu sentejn. Huwa ben saput illi l-granit jekk jixxarrab, it-tbajja johorgu mmedjatament u jekk ikunu tbajja tà ilma dawn jinxfu maz-zmien. Ghalhekk ma jistax jifhem kif kellhom jghaddu sentejn sabiex giet irrapurtata din il-hsara li lanqas biss kien hemm accenn ghaliha fl-ewwel rapport. Jinhass illi dan l-ammont tà elfejn mija u disgha u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€2,129.90) gew mitluba sabiex jikkumpensaw dawk li tnaqqsu wara li giet solvuta l-problema tas-sufan.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddecidi billi jilqa t-talba originali ghal hlas tà danni kagonati mill-konvenuti pero fl-ammont tà erbgha mija u wiehed u disghin ewro liema somma tirraprezenta l-hsarat elenkati fid-Dok AF2 a fol 17 (sbatax) tal-process li minnu tnaqqsu l-ispiza tas-sufan u dik tal-kolonna tal-gebel filwaqt illi jichad it-talba ulterjuri tal-attur ghal-hlas tà bdil tal-pavimentar.

Ghaldaqstant it-Tribunal jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont tà erbgha mija u wiehed u disghin Ewro (€ 491) bl-imghax ikun dekorribli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------